# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-22 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 370/2020 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**MC**

**Vs**

**NF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MC, datat 23 ta' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewget lill-intimat, u cioe lil NF, nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), gewwa l-Parrocca San Piju X, Santa Lucija, f'Malta u dan kif evidenzjat mid-Dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A' konsistenti mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild li ghadha minuri - MF, li twieldet f'X.*

3. *Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat il-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015)*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimat;*

5. *Illi di piu', ghaddew ferm oltre minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-partijiet, filwaqt illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

6. *Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet MC u NF;*

7. *Illi finalment, r-rikorrenti MC, tixtieq tirriverti ghall-kunjom xbubitha C;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti, in vista tas-suespost, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

i. *Tiddikjara z-zwieg bejn ir-rikorrenti MC u NF, MAHLUL, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

ii. *Tawtorizza lir-rikorrenti MC, sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha C;*

iii. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, u bil-bdil f'kunjom ir-rikorrenti, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' NF, datata 8 ta' Jannar 2021, a fol 18, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom separati permezz ta' Kuntratt ta' separazzjoni personali mill-15 t'April 2015 in atti n-Nutar Dr. Dorianne Arapa u ghaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi m'ghad fadal l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

3. *Illi bint il-kontendenti qieghdha tithallas il-manteniment kif regolat mill-kuntratt ta' separazzjoni personali surreferit u ghaldaqstant ma hemmx arretrati ta' manteniment;*

4. *Illi inoltre', l-esponenti ma jsib l-ebda oggezzjoni illi l-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' C;*

5. *Illi ghaldaqstant, l-esponenti jaqbel mat-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur, diment illi kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura.*

Semghet u ezaminat ix-xhieda bil-gurament tal-partijiet.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NF** xehed bil-gurament (vide affidavit a fol 20) illi huwa kien zzewweg lil MC u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, li ghadha minuri. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt sseparaw permezz ta' kuntratt datat 15 ta' April 2015. Minn dik id-data sallum ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm tama tal-istess. Finalment zied jghid li l-manteniment tat-tifla dejjem thallas u ghalhekk ma hemmx arretrati. Ikkonferma li qed jaqbel mat-talbiet attrici sabiex jiddivorzjaw.

**MC** xehdet (vide fol 23 et seq) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Mejju 2006, liema zwieg jgib certifikat numru 505/2006(vide Dok A a fol 5) u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla, li ghadha minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, datat 15 ta' April 2015 (vide Dok B, a fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjesti mill-ligi.

Gie sodisfacentement stabbilit illi ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet bic-certifikat numru 505/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil attrici sabiex tirreverti lura ghal-kunjom xbubitha, u cioe 'C' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**